



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.2.2021  
COM(2021) 49 final

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implementati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi**

## Werrej

<b>1.</b>	<b>INTRODUZZJONI .....</b>	<b>2</b>
<b>1.1.</b>	<b>Kuntest .....</b>	<b>2</b>
<b>1.2.</b>	<b>Ir-riforma politika tal-2014 .....</b>	<b>2</b>
<b>1.3.</b>	<b>It-tisħiħ tal-kontribut tal-politika dwar il-promozzjoni għall-objettivi ġeneralji tal-UE</b>	<b>3</b>
<b>2.</b>	<b>IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IL-PROMOZZJONI FL-2016-2019 .....</b>	<b>3</b>
<b>2.1.</b>	<b>Programmi ta' ħidma annwali .....</b>	<b>3</b>
<b>2.2.</b>	<b>Tipi ta' programmi.....</b>	<b>5</b>
<b>2.3.</b>	<b>Sottomissjoni u għażla ta' programmi – diżaggregazzjoni statistika .....</b>	<b>6</b>
<b>2.4.</b>	<b>Miżuri fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni .....</b>	<b>8</b>
<b>3.</b>	<b>RAKKOMANDAZZJONIJIET .....</b>	<b>8</b>
<b>3.1.</b>	<b>Effettività.....</b>	<b>9</b>
<b>3.2.</b>	<b>Effiċjenza.....</b>	<b>9</b>
<b>3.3.</b>	<b>Rilevanza .....</b>	<b>10</b>
<b>3.4.</b>	<b>Koerenza.....</b>	<b>11</b>
<b>3.5.</b>	<b>Valur miżjud tal-UE.....</b>	<b>12</b>

## **1. INTRODUZZJONI**

### **1.1. Kuntest**

Dan ir-rapport jikkonċerna l-implementazzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014<sup>1</sup> biex tīgi pprovdu informazzjoni dwar prodotti agrikoli tal-UE u biex dawn jiġu promossi. L-Artikolu 26(2) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu, flimkien ma' kwalunkwe proposta ta' segwitu, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2020.

Ir-rapport huwa segwit minn evalwazzjoni<sup>2</sup> tal-implementazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-promozzjoni tal-agrikoltura bejn l-2016 u l-bidu tal-2020, fir-rigward tal-effettivitā, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tagħha. Ir-rapport huwa bbażat fuq is-sejbiet tal-Ewrobarometru Speċjali dwar *L-Ewropej, l-Agrikoltura u l-PAK*<sup>3</sup> (ibbażat fuq stħarriġ rappreżentattiv ta' 27 000 persuna li sar f'Awwissu u f'Settembru 2020). Flimkien mal-evalwazzjoni, se jinforma rieżami tal-politika dwar il-promozzjoni li huwa skedat għall-2021. Dak ir-rieżami se jkun preċedut minn valutazzjoni komprensiva tal-impatt tal-għażliet politiċi biex jiġi żgurat li l-politika futura tal-UE dwar il-promozzjoni tibqa' rilevanti, effettiva, effiċjenti, b'valur miżjud ċar tal-UE u koerenti mal-politiki rilevanti kollha tal-UE inkluż il-kummerċ, l-iżvilupp, is-sajd, is-sahħha, l-ambjent u l-klima.

### **1.2. Ir-riforma politika tal-2014**

Ir-Regolament kien jikkostitwixxi riforma maġġuri tal-politika tal-UE dwar il-promozzjoni agrikola. Il-qafas regolatorju l-ġdid, li sar applikabbi fl-1 ta' Diċembru 2015, ibbenefika minn baġit aktar sostanzjali u ffoka b'mod aktar komprensiv fuq l-appoġġ tal-kompetittività tas-settur agroalimentari. Bil-firma “Enjoy! it's from Europe!”, il-politika kellha l-għan li tgħin lill-operaturi tal-UE jidħlu fis-swieg internazzjonali u tqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi, fl-UE u f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, dwar l-isforzi tal-bdiewa Ewropej biex jipprovdu prodotti ta' kwalità, abbażi ta' strateġija stabbilita fil-livell tal-UE.

Fost il-karatteristiċi ewlenin tar-riforma kien hemm:

- żieda fil-baġit li tippermetti rata ogħla ta' kofinanzjament mill-UE (żieda minn 50 % għal 70-80 %);
- strateġija Ewropea ta' promozzjoni implementata permezz ta' programmi ta' ħidma annwali u bl-għan li ttejjeb l-immirar ta' miżuri ta' promozzjoni; u
- simplifikazzjoni tal-proċeduri billi xi kompiti ta' implementazzjoni ġew trasferiti mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħha, l-Agrikoltura u l-Ikel (CHAFEA) – dan iġġenera effiċjenzi tanġibbli, u b'hekk għen biex tīgi

---

<sup>1</sup>Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implementati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

*L-evalwazzjoni tal-impatt tal-politika tal-UE dwar il-promozzjoni tal-agrikoltura — swieg interni u ta' pajjiżi terzi* (SWD(2020) 399 final).

Ewrobarometru Speċjali 504, *L-Ewropej, l-Agrikoltura u l-PAK*;

<https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/survey/getsurveydetail/instruments/special/surveky/2229>

ssimplifikata s-sottomissjoni tal-proposti u l-evalwazzjoni tagħhom miċ-CHAFAEA (b'kontribuzzjonijiet minn evalwaturi esperti esterni indipendenti).

### **1.3. It-tisħiħ tal-kontribut tal-politika dwar il-promozzjoni għall-objettivi ġenerali tal-UE**

Fl-2021, il-Kummissjoni se twettaq rieżami tal-politika dwar il-promozzjoni biex issaħħa h il-kontribut tagħha għall-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>4</sup> u għall-istratx “mill-ġħalqa sal-platt”<sup>5</sup> kif ukoll għall-Pjan futur għall-Ġlied Kontra l-Kanċer<sup>6</sup>, filwaqt li tqis ir-rwol importanti tagħha fl-appoġġ tal-irkupru sostenibbli tas-settur agroalimentar tal-UE f'kuntest ekonomiku diffiċli.

Ir-rieżami li jmiss tal-politika dwar il-promozzjoni joffri l-opportunità li jiġu definiti mill-ġdid l-objettivi u r-regoli tagħha biex tappoġġa aħjar l-objettivi ġenerali tal-politika tal-UE. Il-politika dwar il-promozzjoni jista’ jkollha rwol ċentrali fl-inċentivar tat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli, billi tenfasizza l-aspetti ta’ sostenibbiltà ekonomika, ambientali u soċjali tal-prodotti u l-proċessi tal-produzzjoni tal-UE kemm fil-pajjiżi tal-UE kif ukoll f’dawk li mhumiex fl-UE. Fuq livell internazzjonali, tista’ tappoġġa l-isforzi biex is-sistema tal-ikel tal-UE tīgi ppożizzjonata bħala referenza globali għas-sostenibbiltà. F’dan ir-rigward, il-miżuri fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jistgħu b’mod partikolari jikkontribwixxu biex isaħħu l-isforzi ta’ sensibilizzazzjoni tal-UE, inkluż il-bini ta’ “Alleanzi Ekoloġiċi”. Jista’ jkollha wkoll rwol ċentrali fil-promozzjoni, flimkien ma’ skemi ta’ kwalità bħall-biedja organika u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, skemi futuri li jfittxu li jżidu l-għarfien tal-konsumaturi dwar it-tikkettar tal-ikel sostenibbli tal-UE, il-benessri tal-animali, xejriet dijetetiċi tajbin għas-saħħa u l-Inizjattiva tal-UE tas-Sekwestru tal-Karbonju f’Art Agrikola. Tista’ tappoġġa l-Pjan Ewropew futur għall-Ġlied Kontra l-Kanċer b’modi differenti, pereżempju billi tespandi fuq il-promozzjoni attwali tagħha tal-konsum tal-frott u l-ħaxix fil-kuntest ta’ dieti bbilanċjati tajbin għas-saħħa kif ukoll prodotti u kategoriji oħra jnnejha tal-ikel tajbin għas-saħħa li attwalment mhumiex qed jiġu kkunsmati bizzżejjed fl-UE b’impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika.

## **2. IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IL-PROMOZZJONI FL-2016-2019**

### **2.1. Programmi ta’ ħidma annwali**

Ir-Regolament introduċa programmi ta’ ħidma annwali (adottati permezz ta’ Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni<sup>7</sup>) li tistabbilixxi l-baġit u l-prioritajiet strateġiċi għall-miżuri ta’ promozzjoni fit-12-il xahar li ġejjin.

Meta tkun qed tfassal il-programm ta’ ħidma, il-Kummissjoni tqis:

- l-objettivi tar-Regolament;

---

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew* (COM(2019) 640 final).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Strateġija “Mill-Ġhalqa sal-Platti” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent* (COM(2020) 381 final).

<sup>6</sup> inizjattiva mniedja fl-4/2/2020: <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12154-Europe-s-Beating-Cancer-Plan>

<sup>7</sup> [https://ec.europa.eu/info/promotion-eu-farm-products\\_en#annualworkprogramme](https://ec.europa.eu/info/promotion-eu-farm-products_en#annualworkprogramme)

- analiżi makroekonomika taż-żidiet proġettati fl-esportazzjonijiet lejn swieq eżistenti jew emerġenti;
- evalwazzjoni tal-politika dwar ftehimiet ta' kummerċ ħieles u aspettattivi fir-rigward tat-tnejħija tal-ostakli sanitarji u fitosanitarji; u
- ir-riżultati tas-sejħiet preċedenti għall-proposti (eż. l-adozzjoni, il-kontinwità).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati kkonsultati permezz tal-gruppi ta' djalgu ċivili<sup>8</sup>.

L-evalwazzjoni wriet li l-programm ta' ħidma annwali huwa kkunsidrat bħala għodda rilevanti biex tiżgura politika dwar il-promozzjoni dinamika u mmirata. Kull sena, jevolvi, b'aġġustament sa' ċertu punt għall-prioritajiet li jevolvu tas-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, il-politika dwar il-promozzjoni wriet li kienet reattiva billi allokat finanzjament *ad hoc* apposta għall-finanzjament ta' programmi li jappoġġaw setturi f'diffikultà, eż. fl-2019, iż-żebug tal-mejda u l-produzzjoni sostenibbli tar-ross.

Il-programmi ta' ħidma annwali konsistentement indikaw ukoll baġits għall-kofinanzjament ta' programmi li jħeġġu l-konsum tal-frott u l-ħaxix fil-kuntest ta' dieta bbilanċjata, f'konformità mal-istratgeġja tal-Kummissjoni dwar in-nutrizzjoni. Miżuri bħal dawn ġew inklużi fil-programmi ta' ħidma annwali għall-promozzjoni fis-suq intern mill-2018.

Il-politika dwar il-promozzjoni wriet il-kapaċità tagħha li tallinja mal-prioritajiet politiċi l-ġodda permezz tal-programm ta' ħidma annwali tal-2021, li ddedika 50 % tal-baġit tiegħu għal suġġetti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-istratgeġja “mill-għalqa sal-platt”. Permezz tal-allokazzjoni ta' EUR 49 miljun għall-promozzjoni ta' prodotti organiċi, ta' EUR 19,1 miljun għall-promozzjoni tal-konsum tal-frott u l-ħaxix fil-kuntest ta' dieti bbilanċjati u xierqa u ta' EUR 18-il miljun għas-sensibilizzazzjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli, il-politika dwar il-promozzjoni tipprovd appoġġ tangħibbi għall-istratgeġja abbażi tal-att legali attwali.

Fl-aħħar nett, il-programmi ta' ħidma annwali inkludew ukoll baġits għal azzjoni mfassla bħala rispons għal disturbi serji mhux mistennija tas-suq, telf ta' fiduċja tal-konsumatur jew problemi spċċiċi oħra (jekk komplementari għal miżuri eċċeżżjonali meħuda skont il-Parti V tal-Kapitolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013<sup>9</sup>). Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, tnedew sejħiet addizzjonal għall-proposti<sup>10</sup> għall-ewwel darba biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jikkumplementaw il-pakkett għall-kriżi adottat fit-30 ta' April 2020.

---

<sup>8</sup> [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/committees-and-advisory-councils/civil-dialogue-groups\\_mt](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/committees-and-advisory-councils/civil-dialogue-groups_mt)

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Sejħa għal proposti għal għotjet għal programmi sempliċi ta' promozzjoni li jikkonċernaw prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi biex tīgi restawrata s-sitwazzjoni tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 (2020/C 216/11) (ĠU C 216, 30.6.2020, p. 19);

Sejħa għal proposti għal għotjet għal programmi multipli ta' promozzjoni li jikkonċernaw prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi biex tīgi restawrata s-sitwazzjoni tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 (2020/C 216/12) (ĠU C 216, 30.6.2020, p. 20).

Il-baġit annwali għall-miżuri ta' provvista ta' informazzjoni u promozzjoni ż-diedu minn EUR 113-il miljun fl-2016 għal EUR 200 miljun fl-2020. Filwaqt li din hija żieda sinifikanti, tibqa' modesta flimkien mal-baġits għall-promozzjoni tal-kummerċ ta' atturi ewlenin oħra fis-suq agroalimentari globali. Id-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti, pereżempju, alloka USD 300 miljun (madwar EUR 253 miljun) fl-2019 biss permezz tal-“programm għall-promozzjoni tal-kummerċ agrikolu”<sup>11</sup> tiegħu biex jgħin lill-bdiewa tal-Istati Uniti jidentifikaw u jaċċessaw swieq ġodda tal-esportazzjoni.

## 2.2. Tipi ta' programmi

Programm ta' promozzjoni u informazzjoni huwa sett koerenti ta' operazzjonijiet li jistgħu jinkludu:

- kampanji ta' reklamar fuq l-istampa, fuq it-TV/ir-radju jew online;
- il-promozzjonijiet fil-punt tal-bejgħ;
- kampanji ta' relazzjonijiet pubbliċi;
- parteċipazzjoni f'wirjet u fieri.

Il-programmi ta' promozzjoni, li huma implementati mill-benefiċjarji matul perjodu ta' 13 snin jistgħu jieħdu l-forma ta':

- **programmi “sempliċi”** sottomessi minn organizzazzjoni proponenti waħda jew aktar mill-istess Stat Membru – aktar minn nofs il-baġit allokat għal programmi bħal dawn fl-2016/2020 kien immirat lejn swieq mhux tal-UE; jew
- **programmi “multipli”** sottomessi minn żewġ organizzazzjonijiet proponenti jew aktar minn tal-anqas żewġ Stati Membri jew minn organizzazzjoni pan-Ewropea waħda jew aktar – għalkemm il-proporzjon ta' programmi bħal dawn li jimmiraw lejn swieq mhux tal-UE qed jiżdied, fl-2016/2019 dawn intużaw prinċipalment biex jiffinanzjaw attivitat jiet ta' promozzjoni tas-suq intern.

Ir-riforma tal-2014 kellha l-għan li tiżgura li aktar programmi jkunu mmirati lejn pajjiżi mhux tal-UE. L-allokazzjonijiet rispettivi għall-promozzjoni tal-UE u dik mhux tal-UE jibqgħu qasam ta' nuqqas ta' qbil fost il-partijiet ikkonċernati, li esprimew fehmiet differenti fil-konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni tas-suq intern<sup>12</sup>.

L-evalwazzjoni sabet rikonoxximent ġenerali fost il-benefiċjarji u l-awtoritajiet nazzjonali li r-riforma tal-2014 issimplifikat/armonizzat sejħiet għal proposti u proċeduri ta' għażla u evalwazzjoni, u li l-approċċ ta' ġestjoni diretta għall-implementazzjoni tal-programm huwa aktar effiċjenti.

Ikkonkludiet ukoll li d-differenzi fl-implementazzjoni bejn il-ġestjoni diretta u l-programmi ta' ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jiġu eżaminati aktar. Dan jista' jsir bħala parti mir-rieżami tal-2021, li jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika approċċi komuni li jwasslu għal arranġamenti ta' implementazzjoni aktar flessibbli, armonizzati u simplifikati.

<sup>11</sup> <https://www.fas.usda.gov/newsroom/usda-awards-agricultural-trade-promotion-program-funding-0>

<sup>12</sup> <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1859-Evaluation-of-the-EU-agricultural-promotion-policy/public-consultation>

### 2.3. Sottomissjoni u għażla ta' programmi – diżaggregazzjoni statistika<sup>13</sup>

Il-baġit għal inizjattivi ta' informazzjoni u promozzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE żdied b'mod sinifikanti bejn l-2016 u l-2019. Skont ir-riforma tal-2014, ir-rati ta' kofinanzjament żdiedu minn 50 % (skont ir-Regolament tal-2008) għal:

- 80 % għall-programmi “sempliċi” li jimmiraw lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE u għall-programmi “multipli”; u
- 70 % għall-programmi “sempliċi” li jimmiraw lejn is-suq tal-UE.

**Tabella 1: Baġit totali (programmi “sempliċi”, programmi “multipli” u inizjattivi proprji tal-Kummissjoni), 2016-2019**

	2016	2017	2018	2019
Baġit totali (€)	113 000 000	142 500 000	188 600 000	201 100 000

L-għadd ta' proposti ppreżentati matul il-perjodu ta' implementazzjoni kien xhieda tal-interess konsistenti tal-operaturi fl-iskema. L-ammonti mitluba, kemm għall-programmi “sempliċi” kif ukoll għal dawk “multipli”, dejjem qabżu l-baġit disponibbli, u b'hekk irriżultaw f'kompetizzjoni kbira bejn il-proposti. Iż-żidiet fil-baġit sena wara sena jispiegaw parzjalment it-tnejjix żgħiex matul il-perjodu fil-proporzjon bejn l-ammonti mitluba u l-fondi disponibbli.

**Tabella 2: Il-baġit allokat għal programmi “sempliċi” u “multipli”, 2016-2019**

Sena	Nru ta' proposti	(1) ammonti mitluba (€)	(2) fondi disponibbli (€)	(1) vs (2) (%)
<b>Programmi “sempliċi”</b>				
2016	199	310 470 913	97 000 000	320 %
2017	189	306 434 124	90 000 000	358 %
2018	146	215 527 021	95 000 000	227 %
2019	109	165 693 403	100 000 000	174 %
<b>Programmi “Multipli”</b>				
2016	27	116 102 232	14 300 000	812 %
2017	35	132 149 762	43 000 000	307 %
2018	36	110 035 312	79 100 000	139 %
2019	35	129 777 114	91 600 000	150 %

**Proposti sottomessi skont it-tip ta' programm:** L-istatistika tas-sottomissjoni turi li l-interess fi programmi “multipli” żdied hekk kif applikanti potenzjali saru aktar familjari mar-rekwiżiti ta' sejħiet “multipli”, żviluppaw sħubijiet ma' organizzazzjonijiet fi Stati Membri oħrajin jew bnew il-kapaċità fi ħdan l-assoċjazzjoni tagħhom biex jipparteċipaw f'applikazzjonijiet għall-finanzjament.

**Tabella 3: Numru ta' proposti sottomessi, 2016-2019**

Statistika aktar dettaljata hija disponibbli fid-dokument ta' ħidma tal-persunal (Anness 4).

Sena	“Sempliċi”	“Multipli”	TOTAL
2016	199	27	226
2017	189	35	224
2018	146	36	182
2019	109	35	144

**Proposti mogħtija finanzjament skont it-tip ta’ programm:** It-tabella 4 turi l-għadd ta’ programmi “sempliċi” u “multipli” magħżula mill-bidu tal-perjodu ta’ implementazzjoni, il-prodott/kategorija ta’ prodotti li assorbiet l-akbar proporzjon tal-baġit u l-għadd ta’ Stati Membri li fihom kien jinsabu l-benefiċjarji (kopertura tal-Istati Membri).

L-istatistika turi żieda kostanti fl-għadd ta’ programmi “multipli” magħżula u għadd stabbli ta’ programmi “sempliċi” magħżula. Għall-programmi “sempliċi”, il-frott u l-ħaxix kienu l-ogħla kategorija ta’ prodotti. Għall-programmi “multipli”, is-settur organiku assorba nofs il-baġit fl-2016, il-frott u l-ħaxix kienu l-ogħla kategorija fl-2017, l-inbid, is-sidru u l-ħall fi 2018 u basktijiet ta’ prodotti differenti fl-2019.

**Tabella 4: Numru ta’ propositi magħżula għall-finanzjament bejn, 2016-2019**

Sena	“Sempliċi”	“Multipli”	TOTAL	L-ogħla kategorija ta’ prodotti	Sehem tal-baġit (%)	Kopertura tal-Istati Membri
2016	60	6	66	“Sempliċi” – frott u ħaxix	30 %	16-il SM
				“Multiplu” – organiku	50 %	
2017	53	10	63	“Sempliċi” – basket ta’ prodotti	23 %	18-il SM
				“Multiplu” – frott u ħaxix	19 %	
2018	58	21	79	“Sempliċi” – frott u ħaxix	31 %	18-il SM
				“Multiplu” – inbid, sidru u ħall	26 %	
2019	56	25	81	“Sempliċi” – frott u ħaxix	23 %	14-il SM
				“Multiplu” – basket ta’ prodotti	21 %	

**Programmi implementati, skont is-suq fil-mira (UE jew mhux UE):** Żidet fin-numru ta’ programmi mmirati lejn pajjiżi li mħumiex fl-UE u programmi “multipli” kienu objettivi speċifiċi tar-riforma tal-2014 (ara t-Taqsima 1.2).

Għalhekk, iż-żieda fil-proporzjon tal-programmi mmirati lejn pajjiżi li mħumiex fl-UE hija konformi mal-objettivi tar-Regolament, li għandu l-ġhan li jżid is-sehem tas-suq tal-prodotti

agrikoli tal-UE li fis-swieq ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE li għandhom l-ogħla potenzjal ta' tkabbir.

Mill-programmi "multipli", kien hemm kważi darbtejn aktar li kienu mmirati lejn is-suq tal-UE milli lejn swieq mhux tal-UE (39 vs 20). Għall-programmi "sempliċi", il-bilan ġie kien bil-kontra (147 immirati lejn swieq mhux tal-UE kontra 73 immirati lejn is-suq tal-UE).

**Tabella 5: Numru ta' proposti magħżula għall-finanzjament, skont is-swieq fil-mira, 2016-2019**

	2016		2017		2018		2019		TOTAL	
	UE	mhu x tal-UE	UE	mhu x tal-UE						
<b>Programmi "sempliċi"</b>	23	35	21	31	16	38	13	43	<b>73</b>	<b>147</b>
<b>Programmi "Multipli"</b>	4	2	9	1	15	5	13	12	<b>39</b>	<b>20</b>
<b>TOTAL skont il-mira</b>	<b>27</b>	<b>37</b>	<b>30</b>	<b>32</b>	<b>31</b>	<b>43</b>	<b>26</b>	<b>55</b>	<b>112</b>	<b>167</b>
<b>TOTAL</b>										<b>279</b>

#### 2.4. Miżuri fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ġadet miżuri fuq inizjattiva proprja biex tgħin tiftaħ swieq ġodda u twieġeb minnufih u b'mod effettiv għal disturbi serji tas-suq jew telf ta' fiduċja tal-konsumatur. Il-miżuri inkludew:

- missjonijiet ta' livell għoli;
- seminars f'pajjiżi oħra biex jispiegaw l-istandardi għoljin tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE;
- l-operazzjoni ta' stands f'fieri kummerċjali u esibizzjonijiet ta' importanza internazzjonal;
- il-promozzjoni tal-immaġni tal-prodotti tal-Unjoni (pereżempju kampanji ta' komunikazzjoni); u
- servizzi ta' appoġġ tekniku, inklużi manwali tas-suq.

L-evalwazzjoni sabet li l-inizjattivi proprii tal-Kummissjoni jidhru li kienu effettivi ħafna biex iwttu t-triq għad-dħul jew għal aktar penetrazzjoni fi swieq li mhumiex fl-UE. Hija qieset li huma taw kontribut kbir għall-ġenerazzjoni ta' valur miżjud tangħibbli tal-UE. Mill-2017 'i hawn, il-baġit allokat għall-inizjattivi baqa' stabbili b'EUR 9,5 miljun fis-sena.

### 3. RAKKOMANDAZZJONIJIET

### **3.1. Effettività**

L-evalwazzjoni sabet li l-politika dwar il-promozzjoni għenet biex iżżejjid l-għarfien tal-merti tal-prodotti agrikoli tal-UE, l-istards għoljin li japplikaw għall-metodi ta' produzzjoni tal-UE, u l-iskemi tal-kwalità tal-UE.

L-effetti tal-politika fuq il-kompetittività, il-konsum u s-sehem tas-suq kien aktar diffiċli biex jiġu kkwantifikati minħabba li l-fatturi tas-suq estern u tas-soċjetà jinfluwenzaw ukoll dawn l-impatti. Madankollu, fi stħarriġ li sar fil-kuntest tal-evalwazzjoni, 97 % ta' dawk li wieġbu qiesu li l-politika għandha kontribut qawwi għat-tishħiħ tal-kompetittività tal-prodotti agrikoli tal-UE, u 89 % kkunsidraw li żżid is-sehem tas-suq tagħhom f'pajjiżi oħra<sup>14</sup>.

Kien aktar faċċi li jintlaħqu udjenzi fil-mira fl-UE milli fi swieq mhux tal-UE. L-attivitajiet ta' promozzjoni u informazzjoni li rriżultaw l-aktar effettivi kienu:

- dawk li jinvolvu kuntatt dirett mal-konsumaturi;
- in-networking f'fieri u f'avvenimenti kummerċjali; u
- il-promozzjoni tal-prodotti minn influwenzaturi tal-midja soċjali.

L-inizjattivi proprii tal-Kummissjoni nstabu li kien effettivi ħafna biex iwittu t-triq għad-dħul jew għal aktar penetrazzjoni fi swieq mhux tal-UE, u kien partikolarment rilevanti meta twettqu b'rabta mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-UE ta' kummerċ ħieles.

Madankollu, l-evalwazzjoni sabet li l-arranġamenti għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-programmi ta' promozzjoni mħumiex adattati għall-iskop fil-forma attwali tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- l-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni jenħtieġ li jittejbu bħala parti mirrieżami tal-politika li jmiss, sabiex l-indikaturi tal-impatt jinrabtu aktar mill-qrib mar-riżultati u jitqiesu fil-prioritajiet tal-programm ta' ħidma annwali u l-iżvilupp fit-tul tal-politika.

Fid-dawl tar-rikonoxximent pubbliku ġenerali baxx tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (kif stabbilit mill-Ewrobarometru Speċjali: 20 % għad-denominazzjonijiet ġeografiċi protetti, 14 % għad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u għall-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti), il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll:

- rieżami ta' kif tista' titqajjem kuxjenza dwar l-iskemi tal-kwalità b'mod aktar effettiv.

### **3.2. Efficienza**

L-evalwazzjoni sabet li b'mod ġenerali, il-politika għiet implementata b'mod effiċjenti, iżda nnotat varjazzjonijiet skont il-modi ta' ġestjoni tal-programmi:

- il-parteċipanti fi programmi “multipli” (ġestiti direttament miċ-CHAFAEA) irċevew gwida aktar ċara dwar il-ġestjoni tal-ghotjet u r-regoli ta' rappurtar, u għamlu użu aktar sistematiku mill-għodod online. Iċ-CHAFAEA b'mod ġenerali kienet kapaċi tipprovd appoġġ aktar kostruttiv u dirett b'rispons għall-mistoqsijiet tal-

<sup>14</sup> [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cmef/regulation-and-simplification/evaluation-support-study-eu-agricultural-promotion-policy-internal-and-third-country-markets\\_en](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cmef/regulation-and-simplification/evaluation-support-study-eu-agricultural-promotion-policy-internal-and-third-country-markets_en)

koordinaturi/benefiċjarji, peress li kull programm għandu uffiċjal tal-proġett iddedikat; u

- benefiċjarji ta' programmi “sempliċi” (ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni) xi drabi kellhom jistennew aktar għal kjarifika tar-regoli. Kultant, dan irriżulta fi żmien itwal biex tingħata twegħiba, u f'xi każijiet il-benefiċjarji raw l-applikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tar-regoli bħala inqas flessibbli. Barra minn hekk, mhux dejjem kien possibbli li jsiru aġġustamenti jew li tittieħed azzjoni ta' mitigazzjoni bħala reazzjoni għal bidliet f'daqqa fil-kundizzjonijiet tas-suq li affettwaw l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda:

- l-eżaminazzjoni, fir-rieżami tal-politika li jmiss, ta' kif l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tista' tibbenefika minn proċeduri aktar armonizzati fil-ġestjoni kondiviża u diretta;
- l-investigazzjoni ulterjuri dwar jekk mod ta' ġestjoni komuni għal programmi “sempliċi” u “multipli” jistax jirriżulta f'risponsi aktar malajr għall-mistoqsijiet tal-benefiċjarji u tal-awtoritajiet nazzjonali u fċarezza akbar dwar il-ġestjoni tal-għotjiet u r-regoli ta' rappurtar; u
- l-użu ta' indikaturi standardizzati għall-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-inizjattivi propri tal-Kummissjoni, b'linji gwida ċari dwar kif dawn jenħtieġ li jiġu kkwantifikati u rrapportati.

### 3.3. Rilevanza

L-evalwazzjoni sabet li l-objettivi tal-politika (li jiżdiedu l-kompetittività, is-sehem tas-suq u l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-kwalità u l-istands għoljin tal-prodotti agrikoli tal-UE u tal-iskemi ta' kwalità) irriflettew il-ħtiġjiet tal-partijiet ikkonċernati u l-iżviluppi tas-suq. Il-politika dwar il-promozzjoni, l-objettivi ġenerali u speċifiċi tagħha, u l-attivitajiet assoċjati wrew li huma rilevanti ħafna b'mod ġenerali.

Instab li l-politika kienet partikolarmen rilevanti f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, minħabba li għenet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sensibilizzazzjoni u fil-perċezzjonijiet tal-konsumaturi dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli tal-UE. Fis-suq intern, il-konsumaturi kienu aktar interessati f'karatteristiċi oħrajn tal-prodotti, bħall-valuri nutritivi tagħhom u l-pajjiż ta' oriġini. Il-partijiet ikkonċernati għogħibithom il-firma “Enjoy! it's from Europe”, iżda l-evalwazzjoni sabet li kienet aktar rilevanti f'pajjiżi li mhumiex fl-UE milli fl-UE.

L-istabbiliment ta' prioritajiet strateġiċi fil-programmi ta' ħidma annwali tqieset rilevanti u l-programmi ta' ħidma tqiesu li pprovdex gwida strateġika ċara. L-inizjattivi propri tal-Kummissjoni indirizzaw b'mod pożittiv il-ħtiġjiet tal-korpi professjonalni għall-informazzjoni, in-networking u l-appoġġ tekniku, u għenu jiftu opportunitajiet fi swieq ġodda u eżistenti li mhumiex fl-UE.

Il-Kummissjoni tqis li l-politika dwar il-promozzjoni tista' żżid ir-rilevanza tagħha billi:

- issir għoddha ċentrali għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija “mill-ġħalqa sal-platt” u l-Pjan Ewropew futur għall-Ġlieda Kontra l-Kanċer;

- tipprovdi incəntivi għat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli, pereżempju billi tenfasizza l-prodotti agrikoli u l-proċessi ta' produzzjoni sostenibbli tal-UE kemm fl-UE kif ukoll fis-swieq tal-esportazzjoni;
- tappoġġa sforzi biex is-sistema tal-ikel tal-UE tīgħi ppożizzjonata bħala referenza globali għas-sostenibbiltà. F'dan ir-rigward, il-miżuri fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari biex isaħħu l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni tal-UE u jinbnew “Alleanzi Ekoloġiċi”;
- il-promozzjoni ta' skemi futuri biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar it-tikkettar tal-ikel sostenibbli tal-UE, il-benesseri tal-annimali u xejriet dijetetiċi tajbin għas-saħħha u dwar l-Inizjattiva tal-UE tas-Sekwestru tal-Karbonju f'Art Agrikola (minbarra skemi ta' kwalità bħall-biedja organika u l-indikazzjonijiet ġegħi);
- tespandi fuq il-promozzjoni attwali tagħha ta' dieti bbilanċjati u tajbin għas-saħħha b'appoġġ għall-pjan Ewropew għall-“Ġlieda Kontra l-Kanċer”.

### **3.4. Koerenza**

L-evalwazzjoni sabet li l-miżuri segwiti skont il-politika dwar il-promozzjoni huma koerenti ma' xulxin. L-inizjattivi propriji tal-Kummissjoni stess jindirizzaw sfidi li l-programmi ta' promozzjoni “sempliċi” u “multipli” ma jistgħux jindirizzaw waħedhom u hemm potenzjal għal effetti konsegwenzjali pożittivi bejn il-programmi. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-politika toħloq sinerġiji ma' u tikkomplementa inizjattivi nazzjonali.

Il-politika hija koerenti ma' politiki agrikoli usa' mmirati lejn iż-żieda fil-konsum tal-prodotti agroalimentari tal-UE. Hija wkoll koerenti mal-politiki marittimi, tas-sajd u tal-kummerċ tal-UE.

Il-koerenza tal-politika dwar il-promozzjoni ma' politiki oħrajin tal-UE tvarja skont il-prodotti promossi. Il-promozzjoni ta' xi prodotti (pereżempju dawk li l-konsum żejjed tagħhom imur kontra dieti bbilanċjati u tajbin għas-saħħha), il-metodi ta' produzzjoni (pereżempju dawk li jista' jkollhom impatt ambientali u klimatiku negattiv) u f'ċerti swieq (pereżempju l-pajjiżi l-inqas żviluppati) se jeħtieġu attenzjoni partikolari fid-dawl tal-iż-żviluppi tal-politika, bħal pereżempju l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan Ewropew għall-“Ġlieda Kontra l-Kanċer”, fost oħrajin.

Jista' jkun hemm xi tensjoni bejn il-politika dwar il-promozzjoni u l-politiki tal-UE dwar l-għajnuna u l-iż-żvilupp. Sehem żgħir ħafna (0,1 %) tal-programmi ta' promozzjoni huwa mmirat lejn swieq li qed jiżviluppaw (erba' programmi bejn l-2016 u l-2020), iżda ma kienx possibbli li jiġu esklużi impatti negattivi fuq l-ekosistemi tal-produzzjoni lokali. Madanakollu:

- jistgħu jiġu previsti miżuri ġodda biex jiġi żgurat li l-applikanti jqis u l-potenzjal ta' impatti negattivi diretti fuq il-produzzjoni lokali u jqisuh meta jiżviluppaw il-proposti tagħhom.

Il-livell ta' koerenza bejn il-politika dwar il-promozzjoni u l-politiki tal-UE dwar il-klima u l-ambjent ivarja u jiddependi fuq it-tipi ta' prodotti, il-metodi ta' produzzjoni u s-swie.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li r-rieżami tal-politika li jmiss jeżamina kif il-politika dwar il-promozzjoni tista':

- issarraf il-potenzjal tagħha bħala faċilitatur tat-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli (kif imsemmi fl-istrateġija “mill-għalqa sal-platt”);

- tallinja l-prioritajiet strateġiċi tagħha aktar mill-qrib mal-objettivi tal-politika dwar il-klima, is-sostenibbiltà, is-saħħa u l-iżvilupp kif enfasizzat taħt il-Patt Ekoloġiku u l-inizjattivi ta' politika relatati.

### **3.5. Valur miżjud tal-UE**

L-evalwazzjoni sabet li l-politika pproduċiet valur miżjud speċifiku tal-UE. Id-dimensjoni tal-UE tal-programmi ta' promozzjoni hija partikolarment evidenti u ta' suċċess fil-kooperazzjoni tal-benefiċjarji fi programmi “multipli” u “sempliċi”. Il-valur miżjud tal-UE kien derivat minn din il-kooperazzjoni msaħħha u t-tagħlim bejn il-pari bejn l-operaturi kummerċjali, li mhuwiex disponibbli minn attivitajiet oħra ta' finanzjament/promozzjoni.

Il-programmi ta' promozzjoni u informazzjoni kisbu riżultati aħjar fis-swieq li mhumieks fl-UE mill-miżuri ta' promozzjoni nazzjonali u nstabu li kienu aktar viċċibbli (parżjalment bis-saħħha tal-firma “Enjoy! it's from Europe!”).

L-evalwazzjoni sabet ukoll li l-politika pprovdiet lil xi organizzazzjonijiet l-unika possibbiltà tagħhom biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' promozzjoni b'livell għoli ta' esponiment.

L-inizjattivi proprii tal-Kummissjoni ġabu wkoll valur miżjud tangħibbli peress li fittxew li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq għall-produtturi tal-UE u jipprovdु benefiċċju lil organizzazzjonijiet madwar l-Istati Membri u lis-setturi tal-prodotti b'mod li ma kienx ikun possibbli mingħajr l-appoġġ tal-UE.

Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda:

- li jkomplu jiġu appoġġati l-programmi “multipli” u l-inizjattivi proprii tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi. Fis-suq intern, it-tishħiħ tal-kapaċità tal-politika li żżid l-gharrien tal-konsumaturi dwar l-iskemi attwali u futuri ta' tikkettar tal-UE biex jiżdied il-valur miżjud tal-UE tal-politika.